MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 339/2001/1

**Avviz numru 339/2001DM**

**Vincent Brincat ezercenti l-kummerc taht l-isem "Infocus Promotions"**

**Vs**

**Cross Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall hlas ta' somma ta' Lm648.60 – sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sitttin centezmu - ghax-xoghol ta' advertising fl-Eden Film Centre permezz ta' slides liema xoghol sar fil-perjodu ta' April 1996 sa Awissu 1996, liema somma hija certa likwida u dovuta.

Bl-ispejjez kif ukoll bl-imghax legali mid-data meta saru x-xogholijiet inkluzi dawk ta’ ittra bonarja tal-15 ta’ Jannar 1998 u ittra ufficjali tal-23 ta’ Marzu 2001 kif ukoll sekwestru debitament ippresentat fit-23 ta’ Marzu 2001 bin-numru 729/2001, bis-subizzjoni tas-socjeta attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Preliminarjament l-azzjoni ta’ l-attur hija perenta, inter alia a tenur ta’ l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta konvenuta tat struzzjonijiet lill-attur sabiex ma jaghmel l-ebda advertising qabel ma jigi hekk awtorizzat u ghaldaqstant hija ma ghandhiex taghti lill-attur l-ebda ammont ghal dak li allegatament sar minghajr il-permess tas-socjeta konvenuta;
3 Salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bl-ewwel eccezzjoni preliminarji taghhom, il-konvenut issollevaw il-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li hija l-preskrizzjoni ta’ tmintax (18) il-xahar li tirreferri ghall-azzjonijiet ta’ hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara u ta’ persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz tal-opri jew tax-xogholijiet taghhom jew ta’ materjal li jforni.

Ghalhekk fl-ewwel lok din il-Qorti trid tara jekk din il-preskrizzjoni eccepita hiex dik applikabbli ghall-azzjoni odjerna li qed jezercita l-attur u biex tigi determinata din il-kwistjoni dwar l-applikabilita' o meno ta' l-artikolu citat mill-konvenuti irid jigi ezaminit x'kien ix-xoghol u x'kienet il-prestazzjoni jew servizz li nghata mill-attur lill-konvenuti.

Mil ftit provi f'dan ir-rigward jirrizulta illi prestazzjonijiet rikjesti mill-attur ma kienux biss jirrigwardaw ix-xoghol tieghu u l-ezercizzju ta xi s-sengha partikolari tieghu, izda kienu ukoll jinkludu l-processar ta *art-work* l rcieva minghand il-konvenuti u l-produzzjoni ta *slides* finali illi huma l-mezz rikjest biex jista' jsir ir-reklam u t-trasmissjoni tieghu bil-mezzi intizi.

Ghalhekk, meta l-attur accetta l-inkarigu tal-konvenuti, huwa ma obbligax ruhu li jaghti eskluzivament ix-xoghol tieghu, izda obbliga ruhu illi fl-ahhar jipproduci s-*slides* li bihom jista' jsir ir-reklam u ghalhekk dak li effettivament kien dahal ghalih l-attur, kien illi jaghti prodott tax-xoghol tieghu konsistenti fis-*slides* biex jigu trasmessi.

Billi kif gie dejjem ritenut l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili jirreferri ghall-azzjonijiet ta haddiema li jipprestaw esklusivament ix-xoghol taghhom, u mhux ghal dawk fejn jintalab il-hlas ta kreditu ta' imprenditur illi jkun obbliga ruhu li jaghti mhux biss ix-xoghol imma l-prodott tax-xoghol tieghu, il-Qorti ssib illi l-Artikolu 2148 (a) citat mill-konvenuti mhux applikabbli ghall-azzjoni in kwistjoni u l-Qorti hija prekluza a tenur tal-Artikolu 2111 tal-istess Kap 16 li tikkunsidra kwalunkwe preskrizzjoni ohra li tista' tkun applikabbli ghall-kaz meta din ma yklun giet sollevata esprtessament mill-konvenuti.

F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel ampja riferenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-18 ta' Mejju 1929 fil-kawza fl-ismijiet *Tomaso Pace noe vs Salvatore Muscat* u ghas-sentenzi l-ohra citati mill-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri (Tribunal Ghat-Talbiet iz-Zghar), tas-16 ta' Dicembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet *Benny Camilleri vs Ian Schembri.*

Fil-mertu jirrizulta ampjament illi George Borg D'Anastasi direttur u in rapprezentanza tal-kumpanija konvenuta kien effettivament mhux biss ordna x-xoghol u ftiehem dwar l-esekuzzjoni tieghu izda anke iffirma *booking order* li kopja taghha tinsab esibita a fol 27 (tal-process) u mmarkata dokument VB 8.

Inoltre jirrizulta illi mhux verosimili dak li qed jallega l-istess George Borg D'Anastasi illi huwa ma kienx dispost illi jghamel reklami ghall zewg prodotti biss ghaliex ried jghamel reklami ghall prodotti ohrajn. Din l-iskuza lanqas ma kienet almenu senjalata lil Saviour Borg D'Anastasi li jallega illi b'telefonata kien ikkancella l-*booking order* fuq istruzzjonijiet tad-direttur George Borg D'Anastasi li kien rega bdielhu u ma cempilx huwa ghaliex "*kien forsi staha".*

Min-naha l-ohra d-deposizzjoni ta' Vincent Brincat hija cara u sorretta mid-dokumenti kollha necessarji u ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa t-talba attrici tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma mitluba ta' LM648.60 (sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltin u sittin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Settembru tal-1996;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------